# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 13 ta' Gunju, 2002

Citazzjoni Numru: **343/02TM**

Numru**: 2**

**Anthony Azzopardi u Carmel sive Charles Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem Azzopardi Fisheries**

vs

**Nicholsons The Supermarket Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ppremettew illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici versu l-atturi fis-somma ta' dsatax-il elf u

hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (LM19,011.50) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta’ hut lilha mibjugh u kkonsenjat liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Ippremettew illi s-socjeta' konvenuta *nonostante* li giet interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Ippremettew illi fil-fehma ta’ l-atturi s-socjeta' konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.

Talbu ghalhekk biex tghid l-istess socjeta' konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta’ LM19,110.50 rapprezentanti prezz ta’ hut lilha mibjugh u kkonsenjat.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-29 ta' Settembru 2001 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2002, kontra s-socjeta' konvenuta filwaqt li Tonio Ciantar ghall-istess socjeta' konvenuta huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota ta' tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci; u naqset, fil-fehma ta' din il-Qorti, li turi li ghandha *prima facie* eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba kif dedotta;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl;-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**